MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru. 506/2009

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank A. Tabone)

**vs.**

**George Sacco**
**Richard F. Axiak**

**Illum 2 ta' Ottubru 2012**

**Kawza Distrett Numru 506/2009**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **George Sacco**, bin Emanuel u Rosina nee' Mizzi, imwieled fit-28 ta' Marzu 1945, residenti fi Flat 2, Sacco Court, Triq Ghar Qawqla, Marsalforn l/o Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 37945(G) u **Richard F.**

**Axiak**, imwieled fid-19 ta' Awwissu 1980, residenti f''May Flower', Triq Ghajn Mellel, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 367695(M), akkuzati talli nhar l-20 ta' Gunju 2009, ghal habta tat-08:15hrs, gewwa Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex;

1. minghajr il-hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, fixklu lil Dr. Michael Caruana LL.D. u lil Maurice Borg fil-pussess ta' hwejjighom billi dahhlu makkinarju u kwantita' ta' hamrija fil-propjeta' taghhom li hija accessibli minn Triq Ghar Qawqla, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex;

2. fl-istess cirkostanzi ikkommettew vjolazzjoni ta' propjeta ghad-dannu tal-imsemmija Dr. Michael Caruana LL.D. u Maurice Borg;

3. U aktar talli fl-istess data, hin u post waqqaw jew iddepozitaw materjal (hamrija).

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-diversi dokumenti esebiti.

Semghet il-provi tal-partijiet, inkluz lill-imputati li xehdu minn jeddhom b'mod volontarju.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kwerelanti u tal-imputati.

Rat illi fis-seduta 10 ta' Jannar 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Caruana u Maurice Borg** (Kawza Numru 103/2009) il-konsulenti legali tal-kwerelanti f'dik il-kawza u tal-imputati fl-istess kawza ddikjaraw li x-xhieda u d-dokumenti kollha li kienu diga gew prodotti fl-imsemmija kawza, inkluz dawk li kien ghad fadlilhom jigu prodotti, kellhom japplikaw ukoll ghall-kawza odjerna, cioé **Il-Pulizija vs. George Sacco u Richard F. Axiak** (Kawza Numru 506/2009).

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Caruana u Maurice Borg** (Kawza Numru 103/2009).

## Ikkunsidrat

Illi l-imputati jinsabu akkuzati b'*ragion fattasi*, b'vjolazzjoni ta' propjeta u talli waqqghu jew iddepozitaw materjal (hamrija). L-imputati gew akkuzati li dan sehh fl-20 ta' Gunju 2009 meta Dr. Michael Caruana u Maurice Borg, il-kwerelanti, sabu li kien iddahhal xi makkinarju minghajr awtorizzazzjoni taghhom gewwa proprjeta' li l-istess kwerelanti jghidu li ghandhom fi Triq Ghar Qawqla, Zebbug. Fl-affidavit tieghu, PC 272 Raymond Farrugia jghid hekk: *"Mort fuq il-post imsemmi fejn sibt lill-kwerelanti imsemmija fuq il-post u li urewni driveway accessibbli minn Triq Ghar Qawqla u li qalu li hi proprjeta' taghhom. Gewwa din id-driveway, rajt xi makkinarju u munzell hamrija fejn kellimt ukoll lil kuntrattur li rrizulta li kien Richard F. Axiak [...] li stqarr li x-xoghol kien gie ordnat minn George Sacco"*.[1]

## <u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>

Illi riferenza sejra ssir, f'dan l-istadju, ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputati. Il-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

*"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;*
*(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u*

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi,* ***Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia****, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506;*

[1] Seduta tad-29 t'Ottubru 2009 – Pulizija vs. George Sacco et (Kawza Numru 506/2009).

***Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*[2]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008, il-Qorti sahqet is-segwenti:

*"Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux pussess tutelabbli tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali, sew minn wiehed ta' detenzjoni. Ara **Il-Pulizija vs. George Zahra**, Appell Kriminali, 16 ta' Lulju, 1958".*

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta li t-tiketta bejn il-kwerelanti u l-imputat George Sacco ilha ghaddejja ghal diversi u diversi snin. Bir-rispett kollu lejn il-partijiet, din m'hijiex xi kawza civili fejn il-Qorti trid tidhol biex tezamina d-drittijiet rispettivi spettanti lill-partijiet u ghalhekk tezamina kuntratti, dokumenti u pjanti minn fejn jista' jidderiva dana t-titolu. Dana l-ezercizzju jispetta lil qrati civili u l-partijiet ma jistghux juzaw il-qrati ta' gurisdizzjoni penali sabiex jiksbu xi dikjarazzjoni dwar min ghandu titolu o meno.

[2] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

Hawnhekk, il-kwerelanti, l-ewwel u qabel kollox, jenhtiegilhom igibu prova dwar dak li jallegaw u cioe' dwar il-kummissjoni tal-att spoljattiv da parti tal-imputati.

Illi, fil-kamp penali, kif inhu ben risaput, trid issir il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar il-kummissjoni o meno tal-att minn naha tal-imputati, li tista' twassal ghal sejbien ta' htija.

Illi mill-provi jirrizulta li l-art in kwistjoni ilha *"schemed road"* ghal diversi snin, ferm qabel id-data li tidher fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati. Fl-istess waqt, mill-atti processwali, jirrizultaw ukoll is-segwenti:

- Ronald Falzon, rapprezentant ghall-Kummissarju tal-Artijiet, li xehed fis-seduti tad-29 ta' Ottubru 2009 u tal-1 ta' Dicembru 2009[3], xehed li parti minn Triq is-Sajjied kienet ser tigi espropjata *at the expense of third parties*. Jixhed li George u Jane Sacco hallsu sabiex issir din l-espropjazzjoni u li l-art in kwistjoni hija ta' Gozo Hotels Limited.

- Mill-Memorandum and Articles of Association ta' Gozo Hotels Company Limited[4], jirrizulta li l-kwerelant Dr. Michael Caruana huwa *company secretary* tal-kumpanija msemmija. Apparti minn dan, il-kwerelant l-iehor Maurice Borg xehed li huwa direttur u azzjonist fil-Gozo Hotels Company Limited u fil-Calypso Hotel.[5]

- A rigward il-kuntratt sar fis-16 ta' Settembru 2009 quddiem in-Nutar Diana Charles[6], George Sacco qal hekk:[7]

"<u>L-Avukat Dottor Carmelo Galea</u>:
Waqt ix-xhieda, Sur Magistrat, qal li huwa espropju. Fil-fatt mhu espropju xejn dak. Hija obbligazzjoni da parti

[3] Pulizija vs. George Sacco et (Kawza Numru 506/2009).
[4] Dok. "H" – Seduta tal-21 ta' Mejju 2009 – Pulizija vs. Dr. Michael Caruana et (Kawza Numru 103/2009).
[5] Seduta tal-10 ta' Jannar 2012 – Pulizija vs. George Sacco et (Kawza Numru 506/2009).
[6] Dok. "2" – Seduta tat-13 ta' Marzu 2012 – Pulizija vs. George Sacco et (Kawza Numru 506/2009).
[7] Seduta tat-13 ta' Marzu 2012 – Pulizija vs. George Sacco et (Kawza Numru 506/2009).

tieghek fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet li peress li inti ghamilt it-talba biex jespropja l-art minghand il-Gozo Hotels –

Ix-xhud:
Sewwa.

L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
Inti thallas lill-Kummissarju tal-Artijiet l-ammont ta' kumpens li l-Gvern ikollu jhallas.

Ix-xhud:
Iva. Issa l-ewwel li ghamilna ahna tlabna lil Gozo Hotels biex nixtru minghandha. Imxejna skond il-proceduri kollha – jien kelli lil Profs. Refalo – imxejna skond il-proceduri kollha biex ahna nespropjaw l-art. Huma ma riedux [...]."

- In kontro-ezami[8], George Sacco ammetta li kien espressament intavola talba lil Gozo Hotels sabiex jixtri l-art minghandha imma din irrifjutat li tbieghielu. Fl-istess kontro-ezami, Sacco irrikonoxxa li l-art in kwistjoni hija tal-Gozo Hotels. Il-kontro-ezami ta' Sacco ikompli hekk:

"L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
U fuqha inti ghandek xi drittijiet? Ghandek xi dritt li tiftah bieb u tieqa ghal fuq dik l-art?

[...]

Ix-xhud:
Le, le, jiena d-drittijiet li ghandi – l-ewwelnett ghandi l-permessi fuqha jien dik. U kieku m'hemmx schemed road il-MEPA qatt ma kienet se taghti permessi fuqha. Jiena ghandi l-permessi skont il-ligi.

L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
U l-permessi dejjem huma "saving third party rights"!
Taqbel!

Ix-xhud:

[8] Seduta tat-13 ta' Marzu 2012 – Pulizija vs. George Sacco et (Kawza Numru 506/2009).

Naturalment.

L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
Taqbel, hux hekk?

Ix-xhud:
Iva.

L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
U inti m'ghandek l-ebda kuntratt li lilek itik xi drittijiet li tiftah bibien u twieqi ghal fuq il-proprjeta' tal-Gozo Hotels.

[...]

L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
Inti xi dritt ta' passagg minn fuq l-art tal-Gozo Hotels ghandek? Ghandek xi kuntratt li jtik xi dritt ta' passagg –

Ix-xhud
Le, m'ghandhiex".

- Illi rrizulta li l-art in kwistjoni hija *"schemed road"*. M'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni ghal dak li wassal sabiex din l-art tigi wahda *"schemed"*. Minkejja li din l-art hija *"schemed road"* xorta jibqa' l-fatt li ghadha ma saritx espropriazzjoni tal-art in kwistjoni. Dan jirrizulta wkoll minn ittra datata 8 ta' Frar 2011 mibghuta mill-Assistent Direttur tal-Kuntratti lill-Ufficju tal-Ombudsman, liema ittra tifforma parti minn Dok. "AT"[9]. F'din l-ittra jinghad is-segwenti:

"Mr. Sacco requested the expropriation of half the width of the road in front of his property, at his expense. Since the land would then become Government-owned, he would be able to open the apertures. Since the road is schemed, as is usually done in such cases and as per provisions of Chapter 88, the Department entered in a deed of obligation with Mr. Sacco where funds for the expropriation were paid.

[9] Seduta tas-17 ta' Mejju 2011 – Pulizija vs. George Sacco et (Kawza Numru 506/2009).

Meanwhile Gozo Hotels Ltd proceeded with a warrant of prohibitory injunction to prevent the publication of the President declaration. Court proceedings are still pending and in these circumstances the Department failed to issue the President declaration for expropriation".

- Illi minkejja li l-imputat George Sacco jallega li mill-art in kwistjoni kemm il-darba ghaddew nies, prova ta' dan ma ngabitx. Anzi jirrizulta, minghajr ebda dubju, li fl-20 ta' Gunju 2009 l-art in kwistjoni kienet tinsab fil-pussess tal-kwerelanti.

Minn dak li nghad hawn fuq, il-Qorti thoss li effettivament gie pruvat li bl-agir tieghu, l-imputat Sacco ikkometta r-reat ta' *ragion fattasi* fil-konfront tal-kwerelanti. Ghaldaqstant, ghandha tinsab htija fil-konfront ta' Sacco taht l-ewwel imputazzjoni.

Dan ma japplikax fir-rigward tal-imputat Axiaq ghas-semplici raguni li filwaqt li jirrizulta biss li huwa kien qed isegwi struzzjonijiet mill-imputat l-iehor Sacco, ma giex pruvat x'involviment iehor setgha kellu u x'intenzjoni kellu meta ghamel dak li ghamel fl-20 ta' Gunju 2009, b'hekk il-Qorti mhijiex sodisfatta li mill-provi prodotti huwa jista' jigi misjub hati ta' *ragion fattasi* fil-konfront tal-kwerelanti. Ghaldaqstant, l-imputat Axiak ghandu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

Illi l-imputati gew akkuzati wkoll li kkommetew vjolazzjoni ta' proprjeta' ghad-dannu tal-kwerelanti. Jirrizulta li l-imputat Axiak kien gie moghti l-inkarigu li jiddepozita xi hamrija fil-proprjeta' tal-imputat l-iehor Sacco u dana ghamlu billi mar fuq l-art in kwistjoni. Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min [...] (d) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi".

Riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008, fejn il-Qorti qalet hekk:

"[G]ie sottomess fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi l-ewwel imputazzjoni postulata fl-inciz (d) ta' l-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 ma kienetx tregi ghax kien jonqos l-element tal-hsara tas-sid jew tad-detentur. Wiehed necessarjament jifhem illi l-"hsara" ghal liema tirreferi l-kontravenzjoni fl-artikolu succitat trid tkun wahda materjali jew, almenu, ta' pregudizzju ghall-proprjeta' jew ghad-detenzjoni".

In segwitu ta' dan, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li effettivement bl-azzjoni tal-imputat Axiak gie kommess il-"hsara" rikjest taht Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma giex pruvat xi hsara sofrew il-kwerelanti u ghaldaqstant l-imputati ghandhom jigu liberati mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghhom.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>**

Illi l-imputati jinsabu akkuzati wkoll illi fl-istess data, hin u post waqqghu jew iddepozitaw materjal (hamrija). Jirrizulta li l-hamrija in kwistjoni ma kienitx intiza ghall-art in kwistjoni pero kienet intiza sabiex tigi mqieghda fil-proprjeta' tal-imputat Sacco. Dan qalu wkoll l-kwerelant Maurice Borg meta xehed.[10] Il-Qorti hawnhekk mhijiex ser tidhol fil-kwistjoni jekk l-imputat Sacco kellux xi motiv ulterjuri meta huwa ta struzzjonijiet lill-imputat Axiak rigward it-tqeghid tal-hamrija fil-proprjeta' tieghu, pero jirrizulta minghajr dubju li ma kienx fl-interess tal-imputati li jhammlu t-triq pero riedu bl-uzu ta' gaffa jitfghu l-hamrija fil-gnien tal-imputat Sacco. B'hekk l-imputati ghandhom jigu liberati mit-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, in segwitu tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, filwaqt li tillibera lill-imputat Richard Axiak mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, tillibera lill-

[10] Seduta tal-10 ta' Jannar 2012 – Pulizija vs. George Sacco et (Kawza Numru 506/2009).

imputat George Sacco mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat George Sacco hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah multa ta' hames mitt Euro (€ 500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------